MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 31/2007

**Arthur Walker**

**vs**

**Foster Clark Products Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-24 ta' Settembru, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fis-17 ta' Lulju 2006.
>
> It-Tribunal zamm seba' seduti.
>
> Arthur Walker, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona u Foster Clark Products Ltd., aktar il-

quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Claude Frendo u Stephen Vella assistiti mill-Avukat Matthew Brincat.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li gie mkecci ingustament mill-Kumpanija li allegat li ma kienx genwinament isofri minn korriment li sehh fuq il-post tax-xoghol. It-tkeccija saret minghajr gustifikazzjoni u sehhet waqt perijodu ta' *injury leave* bi ksur tal-ligi.

Il-Kumpanija qalet li t-tkeccija kienet gustifikata ghaliex minkejja li l-appellant kien imwissi diversi drabi biex jaghmel dak mistenni minnu baqa' ma jwettaqx xoghlu b'mod sodisfacenti. Barra minn hekk kien negligenti, uza kliem dispregjattiv dwar kollegi u ma obdiex proceduri tal-Kumpanija. Fuq kollox allega li kien korra fuq ix-xoghol izda wara investigazzjonijiet li ghamlet il-Kumpanija gie stabbilit li dan ma kienx veru.

Apparti nuqqasijiet ta' l-appellant li allegat il-Kumpanija, l-ahhar haga li wasslitha biex titterminalu l-impjieg kienet l-incident fejn qal li wegga' fuq il-post tax-xoghol. Hu qal li fis-17 ta' Mejju 2006 kien mar fil-kamra tal-banju fl-ufficcji tal-Kumpanija u zelaq fuq roqa ilma li thalliet b'negligenza u mhabba f’ hekk wegga' daru sew, ittiehed l-isptar b' ambulanza u baqa' barra mix-xoghol.

It-Tribunal deherlu li kellu jikkonsidra jekk kienx hemm gustifikazzjoni ghal tkeccija fuq zewg ragunijiet principali: jekk l-appellant kienx qed iwettaq dmirijietu b'mod xieraq u jekk jirrezultax li fil-fatt kien hemm cirkostanzi ta' korriment fuq il-post tax-xoghol.

Minn investigazzjonijiet li ghamlet il-Kumpanija rrizultaw cirkostanzi li qajmu dubji dwar l-allegat incident. Dawn kienu :

- ma kien hemm ebda marka ta' xi zarbun fuq l-art li tindika xi zelqa ;
- ghalkemm gieli jkun hemm xi ilma li jiskula mix-*showers* qatt ma jkun fil-kwantita li kien hemm dak in-nhar ;
- anke kieku ilma kien skula mix-*showers* wara in-*night shift,* dak in-nhar it-temperatura kienet tali li jkun nixef sal-hin ta' l-allegat incident; il-fatt li fl-ghadira ta' ilma kien hemm bcejjec tas-sigaretti u *toilet paper* kienu jindikaw il-probabbilta li ilma mtela fil-*waste bin* tal-kamra tal-banju u mbaghad gie mferra fil-post. Dan seta' wkoll jispjega l-ammont abnormali ta' ilma;
- impjegati li kienu vicin ix-*shower room* u Manager li kien qed juza *toilet* ftit piedi l-boghod ma semghu ebda hoss ta' waqgha jew xi ghajta ta' ugieh.

Barra minn hekk it-tabib li ezamina l-appellant wara l-incident iccertifika li sofra biss "Korriment Superficjali" u ma indika ebda zmien li ma jkunx tajjeb ghax-xoghol.

It-tabib tal-Kumpanija li ezamina l-appellant madwar 24 siegha wara l-incident qal li dan qallu li zelaq fuq l-ilma, habat rasu u dahru u sofra wgieh qawwi u tilef sensieh. Mill-ezami ma rrizultax li kellu xi dbengil f’ rasu jew fil-*lumbar area* li wiehed kien jistenna minn waqgha tant serja u habta tar-ras li, skond hu, biha anke tilef sensieh.

Il-Kumpanija infurmat lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali dwar ir-rizultat ta' l-investigazzjonijiet li ghamlet u li ma kienetx qed tikkonsidra li l-appellant wegga' fuq il-post tax-xoghol. Talbet lid-Dipartiment biex jinfurmaha dwar il-pozizzjoni taghha fuq beneficcji li setghu jkunu dovuti jew le skond id-decizjoni tad-Dipartiment. Il-Kumpanija ma rceviet ebda twegiba ghall-ittra taghha.

It-Tribunal ezamina dak li allegat il-Kumpanija dwar nuqqasijiet ta' l-appellant u jikkonsidra li kien hemm nuqqasijiet, mhux kollha ta' certa serjeta, li dwarhom l-appellant kien gie mwissi. Ikkunsidra wkoll li l-appellant ma kienx qed jinghata zieda fis-salarju u jkun infurmat li dan minhabba li l-*performance* tieghu ma kienetx sodisfacenti.

It-Tribunal jidhirlu li l-Kumpanija kellha raguni valida li ma tkunx sodisfatta bl-operat ta' l-appellant fil-kariga ta' manager u biex tahsiba jekk ghandhiex izzommu fl-impieg. Izda jqis ukoll li kien l-incident tal-korriment li kien il-kawza principali li wassalha biex tittermina l-impieg meta l-appellant baqa' ma rraportax ghax-xoghol wara li kien avzat li ma kienx meqjus fuq *injury leave* u li kien ezawrixxa il-*vacation leave* u s-*sick leave* kollu li kien intitolat ghalih.

It-Tribunal jikkonsidra li kien hemm cirkostanzi li jqajmu dubji serji jekk l-appellant weggax bil-mod u bil-gravita li allega u l-Kumpanija kellha gustifikazzjoni li tikkontesta l-allegazzjoni ta' l-appellant ghaliex mill-investigazzjonijiet li saru ngabret evidenza li ma kienetx konformi ma’ dak li allega l-appellant dwar l-incident. Imbarra dan il-Kumpanija strahet fuq dak li ccertifikaw zewg tobba; wiehed li kien hemm biss korriment superficjali u ma indika ebda zmien ghal fejqan u l-iehor li qal li ghal waqgha, kif deskritta mill-appellant, kien jidhirlu li kellu jsib evidenza ta' dbengil li fil-fatt ma kienx hemm. Barra minn hekk talbet parir mid-Dipartiment koncernat li sfortunament baqa’ ma wiegebx.

Dan il-kaz jinvolvi nuqqas ta' qbil bejn il-Kumpanija u l-appellant dwar incident li ghalih ma kienx hemm xhieda li rawh. Il-Kumpanija, fuq bazi ta' gustifikazzjoni sostanzjali, izda mhux ta' certezza, iddecidiet li ma kienx hemm korriment fuq ix-xoghol waqt li l-appellant baqa’ jsostni li fil-fatt

wegga' fuq ix-xoghol. Kien hemm htiega li xi Awtorita` kompetenti tiddeciedi min kellu ragun.

It-Tribunal jidhirlu li ghalkemm il-Kumpanija talbet parir u ma nghatax twegiba, setghet ta' l-anqas insistiet ghal risposta qabel ma ghamlet it-terminazzjoni. Minn naha l-ohra l-appellant, li kien jaf li l-Kumpanija ma kienetx qed taccetta li wegga' fuq ix-xoghol, imissu ha passi biex Awtorita kompetenti taqbad il-kaz tieghu mal-Kumpanija. Dan ma ghamlux, baqa' jsostni l-pozizzjoni tieghu u ma rritornax ghax-xoghol.

Issa, wara aktar minn sena, it-Tribunal irid jiddeciedi min kellu ragun meta l-kwistjoni jmissa giet rizolta dak iz-zmien permezz ta' l-awtoritajiet kompetenti. Qed jigri spiss li partijiet ma jfittxux rimedju fil-hin opportun minghand min ghandhom jirrikorru mbaghad jippretendu soluzzjoni mit-Tribunal.

Fuq il-bazi ta' l-evidenza, partikolarment dik medika, hemm dubji serji jekk sehhx l-incident kif allega l-appellant u jekk kienx hemm l-elementi ta' korriment fuq il-post tax-xoghol. Barra minn hekk weggha deskritta bhala superficjali mhux normali li zzomm persuna milli tattendi ghax xoghol ghal dak it-tul ta' zmien.

Minkejja dan kollu wiehed ma jistax jeskludi b'certezza li gara xi incident anke jekk mhux daqstant serju jew jistabbilixxi, jekk gara, x'setghu kienu ezatt l-effetti ta' korriment deskritt bhala superficjali tenut il-fatt li l-appellant kien diga jbati minn effetti ta' korriment precedenti.

It-Tribunal wara li qies kif agixxew il-partijiet u l-fatt li jibqa' dubji dwar x'gara ezattament jiddeciedi li jaghti kumpens limitat lill-appellant u jordna li l-Kumpanija thallsu l-ammont ta' Lm750 (seba' mija u hamsin lira) mhux aktar tard mill-ahhar ta' Ottubru, 2007.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira).

B' hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol."

L-aggravju tas-socjeta` intimata fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza jirrizulta li hu wiehed prettament ta' obbjezzjoni ghall-fatt li t-Tribunal Industrijali ordna kumpens minghajr sejba ta' tkeccija ingusta. F' dan il-kuntest is-socjeta` appellanti tikkollega ruhha ghal dak ta' l-applikazzjoni tal-principju bazilari li min jallega jrid jipprova, fejn hi tinterpretah fis-sens illi l-appellat naqas milli adegwatament jipprova l-assunt tieghu ta' tkeccija ingusta u, konsegwentement, kellu jircievi applikabilita` l-prinicpju l-iehor *actor non probante, reus absolvitur*;

Hi disposizzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 36 (14) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, illi principal jista' jillicenzja impjegat tieghu ghal "raguni tajba u bizzejjed" u dan bla htiega ta' preavviz u minghajr obbligu ta' hlas. Minn dan tohrog ir-regola generali li tkeccija mill-impjieg ma tistax issehh hlief ghal raguni valida. Naturalment, ma' din ir-regola hi akkoppjata dik ir-regola l-ohra li, una volta accertata l-illegittimita tat-tkeccija, lill-impjegat ghandu jinghata rizarciment f' forma ta' kumpens;

Indubbjament, "ir-raguni tajba u bizzejjed" li ssemmi d-disposizzjoni tal-ligi hi kwalifikazzjoni guridika tal-kondotta ta' l-impjegat, idoneja biex tillegittima c-cessazzjoni tar-rapport ta' impjieg. Ragonevolment, imbaghad, l-accertament ta' dawk l-elementi ta' fatt li jintegraw il-parametru normattiv ta' l-espressjoni suddetta hu mqieghed fuq il-pjan tal-gudizzju ta' fatt u tali, fil-limiti

stretti ghal liema hu akkordat appell lil din il-Qorti skond l-Artikolu 82 (3) ta’ l-Att, hu incensurabbli quddiem Qorti ta’ revizjoni, ammenokke ma jigix riskontrat illi l-motivazzjoni tas-sentenza hi affetta minn zbalji logici-guridici;

Opportunement, irid jigi registrat illi l-kuncett ta’ kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport ta’ impjieg hu ravvizat f’ dawk il-fatti u mgibiet tali li jinducu ghat-telf ta’ fiducja, anke ghaliex dan hu komunement intiz bhala l-presuppost essenzjali ta’ dan ir-rapport. Dan dejjem b’ riferiment ghall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-posizzjoni ta’ l-impjegat fl-azjenda, l-intensita ta’ l-allegata kondotta kolpuza u ta’ kwalsiasi aspett iehor korrelatat mar-rapport. Wisq logikament, ukoll, fejn il-fattijiet additati minn min ihaddem ghal fini ta’ kawza gusta ta’ licenzjalment huma multipli hu mistenni li l-fatt singolari u primarju li fuqu tkun bazata t-tkeccija jigi ezaminat ma’ fattijiet ohra li jitressqu ‘l quddiem ghal skop ta’ valutazzjoni globali tal-kondotta, u l-aktar dak ta’ l-apprezzament ahjar tal-gravita tal-fatt singolari. Dan, dejjem s’ intendi, anke jekk ikkonsidrat izolatament, l-istess fatt singolari ghandu fih certa rilevanza dixxiplinarja;

Premessa din l-esposizzjoni guridika, jirrizulta mill-istqarrija tal-kaz taghha, kif ukoll mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal Industrijali, illi l-kumpanija appellanti f’ dan il-kaz tadduci b’ motivi gusti tat-tkeccija ta’ l-appellat mill-impjieg dawn il-fattijiet. Hi tikkontendi li l-appellat kien negligenti f’ xoghlu *qua* Air Conditioning and Refrigeration Manager, uza kliem dispregjattiv fil-konfront ta’ Ralph Camilleri, kap ta’ l-Information Technology fil-kumpanija, naqas li jottempera ruhu mal-proceduri mfasslin mill-kumpanija, waqa’ lura f’ xoghlu u ma jiehux kura tal-*maintenance* necessarju, u beda jidhol f’ hinijiet tax-xoghol li ghazel hu u qabel ma dawn kienu preventivament approvati. Il-kumpanija appellanti tikkorrobora dawn il-motivi taghha b’ referenza ghall-*memos* ta’ twissija (fol. 11 sa fol. 20) u, in partikulari, ix-xhieda ta’ Claude Frendo (fol. 35 *et sequitur*). Kien hemm, imbaghad, l-insorgenza ta’ l-ahhar incident fejn fih

l-appellat allega li sofra korriment fuq il-post tax-xoghol, u li, skond is-socjeta` appellanti, fuq l-accertamenti minnha kondotti, ma kienx jikkorrispondi ghall-verita;

L-analisi kondotta mit-Tribunal ta' dawn il-fatt taghti dan ir-rizultat:

(1) Il-kumpanija appellanti kellha raguni valida li ma tkunx sodisfatta bl-operat ta' l-impjegat taghha fil-kariga ta' *manager*;

(2) Kwantu ghall-incident singolari ta' l-allegat korriment, ic-cirkustanzi u b' mod specjali c-certifikati medici kienu jipprezentaw dubji serji f' dak li allega l-appellat dwar il-waqgha tieghu u l-gravita tal-griehi subiti;

(3) Avolja b' dawn ir-rilevanzi, t-Tribunal irraguna li ma setax jeskludi b' certezza li seta' sehh l-incident anke jekk mhux ta' portata serja kif mill-appellat allegat;

Inkwadrat sa fejn mehtieg fl-isfond legali aktar 'il fuq espost, l-apprezzament generali tac-cirkustanzi tal-kaz maghmul mit-Tribunal kellu certament jiddettalu, in bazi ghall-istess ragonament minnu maghmul, illi l-ewwelnett hu jqis dak l-incident partikolari bhala wiehed minn serje konvergenti f' imgieba li kellha tattira lejha valutazzjoni unitarja ma' dawk ta' l-imgibiet naxxenti mill-fattijiet l-ohra inkwadranti n-nuqqasijiet da parti ta' l-appellat fl-ezekuzzjoni sodisfacenti tal-mansjonijiet tieghu fil-kariga li kellu. Fit-tieni lok, la t-Tribunal stess hassu konvint illi, ankorke korra fuq il-post tax-xoghol, f' kull kaz, l-incident ma kienx ta' tali serjeta li kellu jzomm lill-impjegat milli jattendi ghax-xoghol ghal tul ta' zmien, hu kellu, anke ghal daqshekk, jiddetermina li ma saretx da parti ta' l-appellat dik il-prova rigoruza fil-kontradittorju tal-kawza gusta prospettata mis-socjeta` appellanti ghal fini ta' licenzjament. Fit-tielet lok, gjaladarba l-istess Tribunal sab li kienu jezistu dubji serji ghas-sostenn tal-pretensjoni ta' l-appellat illi kien hemm mankanza ta' gusitifikazzjoni ghat-tkeccija tieghu, hu kien messu, f' dawn id-dati

cirkostanzi, adotta s-soluzzjoni tad-dubju ragonevoli u tal-principju *actore non probante, reus absolvitur*. Jekk, xejn, minhabba r-regoli ta' l-oneru tal-prova li anke f' kazijiet bhal dawn jirrikjedi bilanc serju ta' probabilita`;

In bazi ghal konsiderazzjonijiet dedotti ma jidherx, fil-fehma tal-Qorti, illi, fil-kumpless, it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni, fattwalment u guridikament, ezenti minn vizzji logici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------